# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 18 ta’ Mejju 2001**

**Numru 41**

**Citaz. numru 78/91 DS**

Frank Portelli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Studioportelli Limited
vs
Onor. Michael Falzon bhala Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura, Onor. Francis Zammit Dimech bhala Segretarju Parlamentari ghat-Trasport u Komunikazzjoni, Paul Mifsud fil-kwalita` tieghu ta’ Manager tal-Air Terminal Luqa

Illum, 18 ta’ Mejju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta’ Jannar 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur nomine kien ghamel disinji ghax-xoghol ta’ “refurbishment” fil-VIP Lounges fl-ajruport ta’ Hal-Luqa w dan fuq struzzjonijiet tal-konvenuti.

Illi l-attur nomine kien ukoll lahaq ghamel xi xoghol ta' supervizjoni fl-istess lok.

Illi l-kumpens dovut lill-attur nomine ghal dan ix-xoghol jammonta ghal Lm420 (erba mija w ghoxrin lira).

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati biex ihallsu, naqsu li jaghmlu dan.

talab lil din il-Qorti :-

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm420 ghal xoghol ta' disainji w supervizjoni esegwit fil-VIP Lounges tal-ajruport ta' Hal-Luqa.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 1990 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniijet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur noe ma kienx gie mitlub jissottometti disinji a bazi ta' obbligazzjoni kontrattwali izda sempliciment bhala "quoatation" li kellha tigi studjata mill-konvenuti flimkien ma quotations ohra.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess l-attur noe kien interpellat sabiex jirrevedi l-istima li huwa ssottometta wara li ghamel id-disinji u li kienet taqbez is-sittax il-elf lira Maltin (Lm16,000) sabiex dina ma taqbisx l-ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) izda huwa baqa' jinsisti li dan mhux possibli ghalih u irtira kwalunkwe interess li kellu sabiex jinghata l-kuntratt.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-attur noe qatt ma ghamel kif qed jallega fic-citazzjoni odjerna, ebda xoghol ta''supervizjoni fil-V.I.P. lounge in kwistjoni.

4. Illi l-konvenuti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar

it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-23 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur nomine qieghed jippretendi li jithallas minghand il-konvenuti s-somma ta' Lm420 ghal xoghol ta' disinji u supervizjoni li jghid li ghamel fuq struzzjonijiet taghhom ghar-*refurbishment* tal-VIP lounge. Il-konvenuti jsostnu li d-disinji gew sottomessi bhala *quotation* u inoltre l-attur ma ghamel l-ebda xoghol ta' supervizjoni.

Ghalhekk irid jigi determinat jekk giex attwalment inkarigat biex jaghmel ix-xoghol, f'liema kaz ghandu dritt jithallas tax-xoghol li lehaq ghamel, jew jekk kienx intalab biss jaghmel offerta f'liema kaz ma jkunx intitolat ghal hlas. Il-perit legali jikkonkludi li t-talba attrici ghandha tigi michuda u dan wara li ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

Kif tajjeb ikkonkluda l-perit legali, l-attur nomine ma nghata l-ebda *direct order*. L-attur nomine stess xehed li kien intalab jaghmel stima u disinji u li meta ssottomettihom inghata x'jifhem li kien hemm xi disinji sottomessi minn xi tnejn ohra. U Richard Farrugia xehed li wara li kien gie avvicinat mill-ufficcju tal-Prim Ministru u mill-Manager ta' l-Air Terminal sabiex isib lil xi hadd ghat-thejjija ta' pjanti ta' *refurbishment*, hu kien kellem madwar erba' jew hames persuni, inkluz lil Yves Cali li sussegwentement ha hsieb il-progett hu.

L-attur nomine jinsisti fin-nota ta' kritika tieghu li l-persuni responsabbli ghall-progett (Paul Mifsud u Richard Farrugia) kienu accettaw u ghazlu d-disinji tieghu u nghata l-*go ahead* wara li accetta li jibbaza kollox fuq ic-cifra ta' Lm10,000. Izda anke jekk stess id-disinji kienu gew accettati minn dawn il-persuni, jidher li l-*go ahead* finali u effettiv kellu jkun ta' l-OPM. Ghalhekk dak kollu li ghamel l-attur nomine sakemm jinghata l-*approval* finali kien a riskju tieghu u kien jinvolvi x-xoghol mehtieg ghan-negozjar ta' l-offerta tieghu. Kif tajjeb qal il-perit legali, min jaghmel offerta wara sejha ghal tenders, bil-fors jinvolvi ruhu fi spejjez, izda ma jistax jirkupra dawk l-ispejjez jekk l-offerta tieghu ma tigix accettata. F'dan il-kaz, mill-ittra ta' l-14 ta' Awissu 1989 (Dok. F esebit mill-attur nomine) jirrizulta li nghata l-*approval* biex isir ix-xoghol purche` l-ispiza ma teccedix Lm10,000 izda ma gietx accettata t-talba

tieghu ghal drittijiet professjonali ta' 10%. Ighid li pero` kien accetta tnaqqis tad-drittijiet professjonali tieghu ghal Lm800. Izda sussegwentement l-attur nomine kiteb (ittra datata 21 ta' Awissu 1989 - Dok. G) li minhabba li l-assistent personali tal-Prim Ministru ried li jkun hemm tibdiliet radikali fid-disinji minnu proposti ma kienx ghad baqaghlu interess fil-progett. L-attur nomine jghid li l-ittra ta' l-14 ta' Awissu 1989 irceviha fl-istess gurnata li beda u twaqqaf ix-xoghol. Richard Farrugia mill-banda l-ohra xehed li sal-mument li l-attur nomine ma accettax li jsir tibdil fil-pjanijiet tieghu x-xoghol ma kienx ghadu nbeda. Il-fatt hu li jekk tigi accettata l-verzjoni ta' l-attur nomine li l-offerta tieghu kienet intlaqghet u seta' jibda x-xoghol, ma wettaqx l-inkarigu b'ghazla tieghu stess ghax ma riedx jilqa' t-tibdiliet proposti fil-pjanijiet tieghu. Jigifieri sa dak l-istadju kien ghadu ghaddej in-negozjar dwar mhux biss il-prezz u d-drittijiet izda sahansitra d-disinji.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni peritali li t-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur